# ANNESS II

BG **Предявяване на вземания**
ES **Presentación de créditos**
CS **Přihláška pohledávky**
DA **Anmeldelse af fordringer**
DE **Forderungsanmeldung**
ET **Nõuete esitamine**
EL **Αναγγελια απαιτησεων**
EN **Lodgement of claims**
FR **Production de créances**
GA **Taisceadh éileamh**
HR **Prijava tražbina**
IT **Insinuazione di crediti**
LV **Prasījumu iesniegšana**
LT **Reikalavimų pateikimas**
HU **Követelések előterjesztése**
MT **Tressiq ta' pretensjonijiet**
NL **Indiening van schuldvorderingen**
PL **Zgłoszenie wierzytelności**
PT **Reclamação de créditos**
RO **Depunerea cererilor de admitere a creanțelor**
SK **Prihláška pohľadávok**
SL **Prijava terjatev**
FI **Saatavien ilmoittaminen**
SV **Anmälan av fordringar**

(Il-paragrafi minn 1 sa 3 tal-Artikolu 55 tar-Regolament (UE) 2015/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar proċedimenti ta' insolvenza – ĠU L 141, 5.6.2015, p. 19)

**B'dan nirreferi għall-proċedimenti ta' insolvenza indikati hawn taħt u nressaq il-pretensjonijiet tiegħi fil-konfront tal-proprjetà tal-insolvenza, kif ġej:**

<u>**GWIDA BIEX TIMLA DIN IL-FORMOLA:**</u>

**Din il-formola standard tal-pretensjonijiet għandha tintuża biex jitressqu pretensjonijiet f'konformità mal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2015/848 dwar il-proċedimenti ta' insolvenza. Talbiet biex jiġu esklużi beni mill-assi tad-debitur għandhom jiġu ppreżentati skont id-dritt nazzjonali.**

**L-użu ta' din il-formola standard għall-pretensjonijiet għat-tressiq ta' pretensjonijiet huwa opzjonali. Madankollu, meta jiġu ppreżentati pretensjonijiet b'mezzi oħrajn għajr din il-formola standard, il-pretensjoni jrid ikun fiha l-informazzjoni kollha li f'din il-formola hija msemmija bħala mandatorja.**

**Lingwa**

Il-pretensjonijiet jistgħu jiġu ddepożitati fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea. Irrispettivament minn dan, jista' jkun li wara tkun meħtieġ tipprovdi traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru tal-ftuħ tal-proċedimenti jew, jekk ikun hemm diversi lingwi uffiċjali f'dak l-Istat Membru, bil-lingwa uffiċjali jew b'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn il-proċedimenti tal-insolvenza jkunu nfetħu, jew b'lingwa oħra li dak l-Istat ikun indika li jista' jaċċetta (il-lingwi indikati mill-Istati Membri jistgħu jinsabu hawn: [*https://e-justice.europa.eu/content_insolvency-447-mt.do?clang=mt*[1]]

Kull meta tirreferi għal Stat Membru meta tkun qiegħed timla din il-formola, uża **l-kodiċijiet tal-pajjiżi** kif ġej: L-Awstrija (AT) il-Belġju (BE) il-Bulgarija (BG) Ċipru (CY) ir-Repubblika Ċeka (CZ) il-Ġermanja (DE) l-Estonja (EE) il-Greċja (EL) Spanja (ES) il-Finlandja (FI) Franza (FR) il-Kroazja (HR) l-Ungerija (HU) l-Irlanda (IE) l-Italja (IT) il-Litwanja (LT) il-Lussemburgu (LU) il-Latvja (LV) Malta (MT) in-Netherlands (NL) il-Polonja (PL) il-Portugall (PT) ir-Rumanija (RO) l-Iżvezja (SE) is-Slovenja (SI) is-Slovakkja (SK) ir-Renju Unit (UK)

Meta timla taqsima partikolari tal-formola, żomm dan li ġej f'moħħok:

- L-għoti tal-informazzjoni fil-punti mmarkati **b'asterisk (*) huwa mandatorju!**
- L-għoti tal-informazzjoni fil-punti **mmarkati b'żewġ asteriski (**) huwa mandatorju iżda soġġett għal kundizzjoni**. **Din il-kundizzjoni tkun indikata fil-parenteżi fil-punt ikkonċernat.**
- L-għoti tal-informazzjoni fil-punti li **ma għandhomx xi sinjali speċifiċi mhuwiex mandatorju**.

Jekk għandek **bosta pretensjonijiet xi tressaq fl-istess ħin**, trid timla l-punti minn 6 sa 10 għal kull pretensjoni individwalment.

**Tista' ssib informazzjoni rilevanti għall-punti 1 u 2** fit-Taqsima I tal-formola li biha ġet innotifikat dwar il-proċedimenti ta' insolvenza barranin. Dik il-formola għandha l-intestatura "Avviż ta' proċedimenti ta' insolvenza" u ntbagħtitlek mill-qorti barranija li fetħet il-

[1] Meta tuża din il-formola, dejjem irreferi għal-link li fil-fatt iwassal għall-paġna web rilevanti tal-Portal tal-Ġustizzja Ewropea

proċedimenti ta' insolvenza, jew inkella mingħand prattikant fl-insolvenza mqabbad minn dik il-qorti għall-proċedimenti.

Fil-punt 1.1 "**il-qorti li fetħet il-proċedimenti**" tfisser il-korp ġudizzjarju jew kull korp kompetenti ieħor ta' Stat Membru li skont il-liġi domestika tiegħu għandu s-setgħa jiftaħ il-proċedimenti ta' insolvenza, li jikkonferma dan il-ftuħ jew li jieħu deċiżjoni tul dawk il-proċedimenti.

**Il-punt 1.2** għandu jimtela biss jekk il-proċedimenti ta' insolvenza jkollhom numru ta' referenza fl-Istat Membru li fih ikunu nfetħu. **Il-punt 1.3** għandu jimtela biss jekk ikun hemm prattikant fl-insolvenza mqabbad fil-każ.

Fil-punti 2.2 u 3.3, **"numru ta' reġistrazzjoni"** tfisser in-numru ta' identità individwali li skont il-liġi nazzjonali jkun marbut mal-entità jew il-persuna. Jekk id-debitur ikun kumpanija jew persuna ġuridika, dan huwa n-numru li jkun hemm fir-reġistru (tan-negozji jew tal-assoċjazzjonijiet) nazzjonali xieraq. Jekk id-debitur ikun persuna fiżika li teżerċita attività kummerċjali jew professjonali indipendenti (imprendituri), dan ikun in-numru ta' identifikazzjoni fl-Istat Membru fejn ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza, li jużа lilu fit-twettiq tal-attività kummerċjali jew professjonali tiegħu. Jekk, skont il-liġi dwar l-insolvenza tal-Istat Membru li fih ikunu nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza, jintuża n-numru tat-taxxa jew in-numru tal-identità personali tad-debitur għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-persuna fiżika li teżerċita attività kummerċjali jew professjonali indipendenti, għandu jiġi indikat dan in-numru.

Fil-**punt 4** trid timmarka l-ewwel opzjoni li tirreferi għall-persuna li l-kreditur indika fil-punt 3 biss jekk il-kreditur ikun persuna fiżika. Jekk timmarka t-tieni opzjoni li tirreferi għal persuna differenti minn dik indikata fil-punt 3, inti suppost timla l-punti minn 4.1 sa 4.6, li minnhom il-punti 4.1, 4.2 u 4.6 huma obbligatorji.

Fil-punt 6.2 "**id-data li fiha nibtet il-pretensjoni**" tfisser il-punt fiż-żmien li fih l-obbligu tad-debitur fil-konfront tal-kreditur ġie stabbilit (il-konklużjoni ta' kuntratt, is-seħħ ta' dannu jew ħsara). Fil-punt 6.3 "**id-data li fiha l-pretensjoni saret dovuta**" tfisser il-punt fiż-żmien li fih id-debitur kien meħtieġ jagħmel tajjeb skont l-obbligu (il-ħlas sar dovut). **Penali statutorji għall-morożità fil-ħlas** li għandhom jiġu kkalkulati bħala perċentwal tal-ammont kapitali pretiż għandhom jiġu dikjarati bħala mgħax statutorju (ara l-punt 6.1.3).

Fil-punt 7, jekk ikollok **pożizzjoni preferenzjali** tkun dovut djun li, skont id-dritt domestiku, meta jaslu biex jitħallsu, jingħataw preferenza meta mqabblin ma' ċerti kategoriji oħrajn ta' dejn. Fil-punt 8, **garanzija *in rem*** tirreferi għal kull sigurtà li jkollok fir-rispett tal-pretensjoni tiegħek fil-konfront tad-debitur. Tali sigurtà jista' jkollha forom differenti, bħal imposta fissa fuq assi speċifiku jew imposta flessibbli fuq grupp ta' assi.

Fil-punt 9, fir-rigward tat-**tpaċija**, jekk il-kreditur ikun istituzzjoni finanzjarja u jitlob tpaċija fil-konfront tad-debitur, dan għandu wkoll jindika d-dettalji tal-kontijiet ikkonċernati. Il-punti minn 9.1 sa 9.5 għandhom jimtlew biss jekk titlob tpaċija.

Punt 10: il-**formola trid tkun akkompanjata** mill-kopji ta' kull dokumenti ta' prova li jista' jkun hemm.

ANNESS II

1. Il-proċediment ta' insolvenza kkonċernat:

1.1. Isem il-qorti li fetħet il-proċedimenti ta' insolvenza*:

1.2. In-numru ta’ referenza tal-każ (jiddaħħal jekk ikun hemm wieħed):**

1.3. Isem il-prattikant(i) tal-insolvenza maħtur(in) fil-proċedimenti (timtela jekk ikun hemm):**

2. Debitur:

2.1. Isem*

2.1.1. Isem (jekk id-debitur ikun kumpanija jew persuna ġuridika):

jew

2.1.2. Kunjom:

2.1.3. Isem/Ismijiet:

(jekk id-debitur ikun persuna fiżika)

2.2. Numru ta’ reġistrazzjoni (għandu jimtela jekk ikun hemm wieħed skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru li fih id-debitur ikollu ċ-ċentru tal-interessi prinċipali tiegħu):**

2.3. Indirizz (sakemm ma japplikax il-punt 2.4)**:

2.3.1. Triq u numru/kaxxa postali:

2.3.2. Post u kodiċi postali:

2.3.3. Pajjiż:

2.4. Data u post tat-twelid (timtela jekk id-debitur ikun persuna fiżika u l-indirizz tiegħu jkun protett):**

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

3. informazzjoni dwar il-kreditur li għandu l-pretensjoni(jiet):

3.1. Isem*:

3.1.1. Isem:

3.1.2. Rappreżentant legali:

(jekk il-kreditur ikun kumpanija jew persuna ġuridika)
jew

3.1.3. Kunjom:

3.1.4. Isem/Ismijiet:

(jekk il-kreditur ikun persuna fiżika)

3.2. Indirizz tal-posta*:

3.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

3.2.2. Post u kodiċi postali:

3.2.3. Pajjiż:

3.3. Numru tal-identifikazzjoni personali jew numru ta' reġistrazzjoni (jekk wieħed minnhom japplika):

3.4. Persuna ta' kuntatt

3.4.1. Isem (jekk differenti minnek):

3.4.2. Indirizz tal-posta elettronika:

3.4.3. Numru tat-telefown:

3.5. Numru ta' referenza tal-kreditur:

4. informazzjoni dwar il-persuna li qed tressaq il-pretensjoni f'isem il-kreditur fil-punt 3:

☐ l-istess persuna kif indikat fil-punt 3;

jew

☐ persuna li mhix il-kreditur indikat fil-punt 3, li d-dettalji tagħha huma dawn li ġejjin:

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

4.1. Isem*:

4.2. Indirizz tal-posta*:

4.2.1. Triq u numru/kaxxa postali:

4.2.2. Post u kodiċi postali:

4.2.3. Pajjiż:

4.3. Indirizz tal-posta elettronika:

4.4. Numru tat-telefown:

4.5. Faks:

4.6. Ir-relazzjoni tagħha mal-kreditur indikat fil-punt 3*:

☐ avukat (abbażi ta' prokura); jew

☐ direttur tal-kreditur jew rappreżentat ieħor tal-kreditur legalment awtorizzat mid-dritt tal-kumpaniji applikabbli; jew

☐ impjegat tal-kreditur; jew

☐ assoċjazzjoni għall-protezzjoni tal-kredituri; jew

☐ prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċedimenti territorjali/sekondarji; jew

☐ prattikant fl-insolvenza maħtur fi proċediment ewlieni; jew

☐ oħrajn (speċifika):

5. Dettalji tal-kont tal-bank li fih kwalunkwe distribuzzjoni abbażi tal-pretensjonijiet imressqa għandha tiġi ttrasferita:

5.1. Isem id-detentur tal-kont:

5.2. L-Istat Membru fejn ikun jinżamm il-kont (indika l-kodiċi tal-pajjiż):

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

5.3. in-numru tal-kont:

5.3.1. IBAN:

5.3.2. BIC:

**6.** Il-pretensjoni mressqa:

6.1. L-ammont tal-pretensjoni*:

6.1.1. Kapital*:

6.1.2. Qed jintalab imgħax?*

☐ Le

☐ Iva

6.1.3. Jekk iva, l-imgħax huwa:

☐ Imgħax kuntrattwali jew

☐ Imgħax statutorju

Jekk statutorju, għandu jiġi kkalkulat skont (speċifika l-istatut rilevanti):

6.1.4. Imgħax dovut minn: (data (jj/xx/ssss) jew avveniment)

sa (data (jj/xx/ssss) jew avveniment).

6.1.5. Rata tal-imgħax

6.1.5.1. … % minn (data) sa (data)

6.1.5.2. … % minn (data) sa (data)

6.1.5.3. … % minn (data) sa (data)

6.1.6. L-ammont kapitalizzat tal-imgħax:

6.1.7. L-ammont totali tal-pretensjoni (il-punt 6.1.1 + punt 6.1.6)*:

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv / opzjonali.

6.1.8. Munita*:

□ Euro (EUR) □ Lev Bulgaru (BGN) □ Koruna Ċeka (CZK) □ Kuna Kroata (HRK) □ Forint Ungeriż (HUF) □Zloty Pollakka (PLN) □ Leu Rumen (RON) □ Krona Svediża (SEK) □ Pound tar-Renju Unit (GBP) □ Oħrajn (speċifika bil-kodiċi ISO):

6.2. Id-data li fiha nibtet il-pretensjoni*:

6.3. Id-data li fiha l-pretensjoni saret dovuta (jekk differenti mill-punt 6.2):

**6.4.** Kostijiet li nibtu mid-dikjarazzjoni tal-pretensjoni qabel ma nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza (timtela jekk mitluba)**:

6.4.1. ammont ta’ tali kostijiet:

6.4.2. dettalji tal-kostijiet:

6.4.3. Munita:

□ Euro (EUR) □ Lev Bulgaru (BGN) □ Koruna Ċeka (CZK) □ Kuna Kroata (HRK) □ Forint Ungeriż (HUF) □Zloty Pollakka (PLN) □ Leu Rumen (RON) □ Krona Svediża (SEK) □ Pound tar-Renju Unit (GBP) □ Oħrajn ( speċifika bil-kodiċi ISO):

6.5. Natura tal-pretensjoni*:

☐ il-pretensjoni hija relatata ma’ obbligu kuntrattwali tad-debitur

☐ obbligazzjoni tad-debitur li tirriżulta minn att delittwali volontarju

☐ tinbet minn obbligu mhux kuntrattwali ieħor

☐ marbuta ma dritt *in rem* tal-kreditur

☐ [arretrati ta’ manteniment statutorji pendenti li d-debitur, fi ksur ta’ dmiru, ma ħallasx intenzjonalment]

☐ pretensjonijiet li jirriżultaw minn kuntratt ta' impjieg

☐ pretensjoni ta’ taxxa

☐ pretensjonijiet fir-rigward ta’ kontribuzzjonijiet lil korpi tas-sigurtà soċjali

☐ oħrajn (speċifika)

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

7. Tiddikjara li għandek pożizzjoni preferenzjali*

☐ le

☐ iva

jekk iva, speċifika:

8. Tiddikjara li għandek

☐ xi sigurtà *in rem;*

☐ kull riservazzjoni ta' titolu;

☐ kull dritt ieħor li jagħti sodisfazzjon separat minn ċerti oġġetti tad-debitur?

8.1. deskrizzjoni tal-assi koperti mis-sigurtà, mir-riżervazzjoni ta' titolu jew mid-dritt ieħor li jagħti sodisfazzjon separat invokat:

8.2. id-data li fiha l-imposta, il-mutwu ipotekarju, is-sigurtà l-oħra (speċifika), ir-riżervazzjoni ta' titolu jew id-dritt ieħor li jagħti sodisfazzjon separat ngħata formalment:

8.3. Jekk is-sigurtà, ir-riżervazzjoni ta' titolu jew id-dritt ieħor li jagħti sodisfazzjon separata ġie rreġistrat ma' awtorità pubblika xierqa, id-data u l-post tar-reġistrazzjoni u kull numru fir-rigward tar-reġistrazzjoni:*

9. Id-debitur għandu xi pretensjoni fil-konfront tiegħek (il-kreditur) li tista' tirriżulta fi tpaċija?*:

☐ iva (fil-każ, indika d-dettalji hawn taħt)

☐ le

9.1. L-ammont tal-pretensjoni tad-debitur li tista' tirriżulta fi tpaċija fil-konfront tal-kreditur fid-data li fiha nfetħu l-proċedimenti ta' insolvenza:

9.2. Id-data li fiha l-pretensjoni tad-debitur fil-punt 9.1. nibtet:

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.

9.3. L-ammont mitlub nett mit-tpaċija (il-punti 6.1.7 sa 9.1):

9.4. Munita:

□ Euro (EUR) □ Lev Bulgaru (BGN) □ Koruna Ċeka (CZK) □ Kuna Kroata (HRK) □ Forint Ungeriż (HUF) □Zloty Pollakka (PLN) □ Leu Rumen (RON) □ Krona Svediża (SEK) □ Pound tar-Renju Unit (GBP) □ Oħrajn (speċifika bil-kodiċi ISO):

9.5. Identifikazzjoni tal-pretensjoni tad-debitur li fil-konfront tagħha l-kreditur jitlob tpaċija:

10. Lista tal-kopji ta' dokumenti ta' prova inklużi:

**Niddikjara li, sa fejn naf jien, l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni hija vera u kompluta.**

Magħmul fi ……………………………………., data ………………………….........

Firma ……………………………………..…………………………………

Punti mmarkati bi *: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju.
Punti mmarkati bi **: l-għoti tal-informazzjoni huwa mandatorju soġġett għal kundizzjoni.
Punt mingħajr sinjali speċifiċi: l-għoti tal-informazzjoni huwa fakultattiv/opzjonali.